ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 74/11**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 19 ta' Settembru 2011**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Il-Kav. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson - Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Id-Deputat Sindku Joe Bajada u l-Kunsillier Harry Debono kienu skużati.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduti b' nru. MIN 72/11 tal-25 ta' Awwissu 2011 u MIN 73/11 tal-5 ta' Settembru 2011 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Il-minuti tal-laqgħat nru. 16/2011, 17/2011 u 18/2011 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

Is-Sindku ssospenda l-aġenda biex indirizza l-Kamra l-Viċi Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn dwar il-*breakwater* proġettat għal Marsalforn. Qal dan il-*breakwater* kif preżentat se jkun qed jagħti protezzjoni minn Neptunes sal-paletta, mill-Għassa tal-Pulizija l-ġewwa mhux ser ikun protett. Is-Sur Debono qal il-*wave breakers* proposta mhux ser isolvu l-problema. Qal li hemm bżonn għal Marsalforn protezzjoni miċ-ċaqliq. Qal ukoll il-ħajt tal-Menqa minsus. Fuq proposta tas-Sindku, ġie deċiż li ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex għal laqgħa.

Il-Familja Cassar u Vella lmentaw u oġġezzjonaw għas-*single line* li sar quddiem il-proprjeta' tagħhom fi Triq Sant' Indrija.
Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi l-ilment lil Transport Malta.

## 4. KORRISPONDENZA

**Applikazzjonijiet għal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Patrizia Piazzi<br>Għal *photo shooting*<br>bejn il-25 u s-27 ta' Settembru 2011<br>fl-inħawi tas-salini – ix-Xwejni. | Approvata. |
| Gozo Jeep Tours<br>Għal attivitajiet soċjali<br>nhar l-1 ta' Ottubru u l-11 ta' Novembru 2011 fix-Xwejni. | Approvata. |

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta mir-Reġjun ta' Għawdex dwar *study visit* fi Brussels mis-Sindki u l-Viċi Sindki. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni tas-Sindku u l-Viċi Sindku f' dan l-iStudy Visit ġewwa Brussels.

Komunikat tal-Ministeru għal Għawdex dwar il-librerija taż-Żebbuġ. Fir-rigward tal-bieb tal-librerija u l-linja tat-telefon, is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tirreferi għal minuti ta' laqgħat preċedenti (fi żmien l-A/Segretarju Grima).

Il-Kunsill approva linja oħra tat-telefon mal-Kumpanija Melita għall-uffiċini tal-Kunsill.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

## 6. MEMO 66/2011 – SKEMA TA' FINANZJAMENT GĦAL TITJIB FIL-*PLAYING FIELDS* EŻISTENTI

Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel applikazzjoni waħda għall-*upgrade* tal-*playing field* taż-Żebbuġ u l-*promenade* tal-Qbajjar.

## 7. ILMENTI

Ilment nru. 17/2011 – Stephen Dimech
Talab biex jitwaħħlu żewġ bankijiet fl-inħawi tal-Qlajja. It-talba kienet rifjutata – mhux *policy* tal-Kunsill li jwaħħal bankijiet f' toroq mhux urbana.

Ilment nru. 27/2011 – Ġeraldu Axiaq
Manutenzjoni tal-kanal tal-ilma li hemm fuq il-*boathouse* tiegħu fil-Bajja tax-Xwejni. Il-Kunsill approva x-xogħol; jagħmel ix-xogħol Noel Attard – jintalab prezz minn qabel.

Ilment nru. 28/2011 – Toni Cini
Talab biex jitnaddaf il-wied magħruf Ta' Klajru u tingħata direzzjoni lill-ilma. Il-Kunsill approva t-talba; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

Ilment nru. 32/2011 – Judith Zammit
Jitħammel gandott tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kanun (fejn għandha l-egħlieqi Zammit). Il-Kunsill approva t-talba ta' Zammit; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

Ilment nru. 29/2011 – Antonella Saliba
Isir *traffic management* għal Triq Għajn Mhelhel, dik il-parti tat-triq li tiġi faċċata ta' Belsito Crt. Il-Kunsill iddeċieda li jordna lill-Perit iħejji l-pjanti.

Ilment nru. 30/2011 – Victor Agius
Jitnaddaf il-*water culvert* ta' Triq il-Kaċċaturi. Il-Kunsill approva t-tindif tal-*water culvert*; jagħmel ix-xogħol Joseph Cefai.

Ilment nru. 31/2011 – Ganni Grech
Talab tmien jardi konkos oħra għall-manutenzjoni tal-passaġġ magħruf bħala Ta' Luzju. Il-Kunsill approva t-talba ta' Grech.

Ilment nru. 33/2011 – is-Sindku Carmelo Saliba
Tiddawwal l-*area* quddiem Diego Crt fi Triq Dun Karm Cachia u Triq il-Lampuka. Il-Kunsill qabel li jwaħħal mis-sett fanali li għandu fil-*basement* – tintalab stima tax-xogħol lil Galea Curmi.

Ilment nru. 35/2011 – Diversi bdiewa
Talbu vieġ kantuni u seba' jardi konkos biex jagħmlu l-manutenzjoni ta' parti minn Triq Ta' Kuljat. It-talba kienet approvata.

Ilment nru. 37/2011 – Michael Axiaq
Irrapporta li tħassar is-*single yellow line* li kien sar faċċata tar-residenza Miker fi Triq Sant' Indrija.

Ilment nru. 34/2011 – Helen Agius
Talbet biex isir pajp tal-ħadid mal-bankina tar-residenza Melbourne fi Triq is-Sagħtrija biex tipprevjeni milli tkompli titkisser il-bankina bit-trakkijiet. Il-Kunsill approva t-talba ta' Agius; jagħmel ix-xogħol Paul Caruana.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' *filing cabinet* għall-*front office*.
- x-xiri ta' *printer* għall-*back office*.
- li jinġabar vieġ terrapien minn ġot-triq fl-inħawi magħrufa tas-Sinjura; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.
- jitnaddaf passaġġ li jinsab fi Triq taċ-Ċaqra, fejn għandhom ir-raba' ta' Cini; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex Joe Camilleri jkun assenjat jaħdem miegħu.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kien kellimha l-kuntrattur li jiġbor l-iskart u nfurmaha li ġie mwissi mill-WasteServ li jekk ser idaħħal skart li mhux suppost jintafa' fl-i*skips on wheels*, ser ikunu qed jitolbuh ħlas doppju.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u l-Kunsill aġġorna *sine die.*

Kav. Carmelo Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva